KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

**MINUTI**

**<u>LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ</u>**

**<u>IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA</u>**

***Laqgħa Numru Disgħa u Sittin (69)***

***L-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
Il-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH
IL-KUNSILLIER ANTHONY VELLA

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**69.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

69.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

69.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 68 li nżammet nhar it-Tnejn, 30 t' Ottubru, 2023.

69.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 68 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

69.2.3 **Mozzjoni 69-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 68.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 68 ġew approvati unanimament.

**69.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 69(08) – Novembru 2023***

69.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 69(08) permezz cheque numru 7226 (ref. 11040) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11025 sa 11071 li jammontaw €51,054.20

69.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

69.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll pagament għall-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024 li tammonta għal €495

69.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll il-ħlas tal-avukat għal Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsillier Anthony Vella li jammonta għal €50

69.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagament tal-video editing tal-attivita' tal-Ħeluween li tammonta għal €150

69.3.6 **Mozzjoni 69-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 69(08) bl-ammont ta' €51,054.20 kif ukoll dawk imressqa f'materja 69.3.3, 69.3.4 u 69.3.5.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 69(08) ġiet approvata unanimament.

**69.4 <u>Spjegazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena 2023</u>**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill b'mod virtwali.*

69.4.1 L-Accountant tal-Kunsill ta' spjegazzjoni tal-figuri li hemm imniżżla fir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena.

69.4.2 Wara l-ispjegazzjoni tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tat-Tielet Kwart tas-sena 2023.

Mozzjoni 69-03 : Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

69.4.3 Ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena sa Settembru 2023, ġie approvat unanimament.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa l-Accountant tal—Kunsill ħareġ mill-Laqgħa.*

**69.5 <u>Dekasteri tal-Kunsillier A.Vella u reviżjoni tad-dekasteri tal-Kunsilliera</u>**

69.5.1 Is-Sindku Darren Abela fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal wara li ddiskuta ftit mal-Kunsilliera se jkun qed jagħmel xi tibdiliet żgħar fid-dekasteri tal-Kunsilliera.

69.5.2 Lill-Kunsillier il-ġdid Anthony Vella is-Sindku iddelegalu l-Ambjent taż-żoni rurali kif ukoll il-Ħarsien tal-annimali fejn jidħlu skemi u xogħlijiet.

69.5.3 Id-dekasteru tal-isports u l-attivitajiet fiżiċi għadda għand il-Kunsillier Keith Fenech. Il-Kunsilliera Rose Agius żammet id-dekasteru Drittijiet tal-annimali. Il-Vici Sindku Christine Dalli ingħatat id-dekasteru tal-Innovazzjoni filwaqt li d-dekasteru taż-Żgħażagħ u tfal ġie mgħaddi lis-Sindku.

**69.6 Korrispondenza**

69.6.1 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar Attivitajiet li se jsiru fir-Reġjun tagħna, fejn il-Kunsill jista' jieħu ħsieb it-trasport għar-residenti tiegħu u dawn jiġu koperti mir-Reġjun stess. Minħabba li qegħdin ftit tard se tkun naqa diffiċli biex norganizzaw.

69.6.2 Tressqet talba mingħand l-Iskola Primarja dwar il-proġett Eko Skola fejn qed jitolbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex it-tfal ikunu jistgħu jiżirgħu pjanti fil-bandli ta' quddiem l-iskola. Il-Kunsill qabel li jgħinhom jagħmlu dan il-proġett billi tinħarat l-ħamrija li hemm u dawn il-pjanti jissaqqew regolari. Dwar dan il-Kunsill qabel lii jassisti f'dan il-proġett.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech (18:41)*

69.6.3 Tressqet mingħand TM korrispondenza dwar proposta oħra ta' *Traffic Management* għal Triq San Filippu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li kien hemm xi domandi fuq mezzi soċjali dwar l-applowdjar tal-minuti fuq il-*website* tal-Kunsill, hija kkjarifikat li l-minuti kollha kienu jittellgħu xahar b'xahar sa Settembru 2023. Iżda bħalissa l-*website* tal-Kunsilli Lokali kollha ġiet mibdula u għaldaqstant qed issir *migration* tad-dokumenti. Hija kkonfermat ukoll li Kunsilli Lokali kollha bħalissa għandhom id-dokumenti kollha tas-sena 2023 nieqsa u għadhom mhux jidhru fuq il-*website* il-ġdida. Għaldaqstant kif il-Kunsill ikollu r-*rights* kollha neċessarji se jkun qed itella' d-dokumenti kollha.

Rigward l-aħħar pjanta proposta minn Transport Malta, il-Kunsill ma qabilx mal-pjanta proposta minhabba r-raġunijiet imsemmija hawn taħt:

i) Triq il-Gudja tkun magħluqa kompletament għall-vetturi kollha fil-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ tat-tfal mill-iskola kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u dan jammonta għal minimu ta' sagħtejn kuljum matul il-ġimgħa.

ii) il-vetturi kollha li se jkunu niżlin minn Triq San Filippu (in-naħa tal-Kappella) direzzjoni lejn Triq il-Gudja, ma jistgħux jidħlu lejn il-Pjazza u jridu jerġgħu joħorġu għal Dawret Ħal Għaxaq biss, liema triq qed tkun suġġetta għat-traffiku speċjalment kemm ilhom li saru deċiżjonijiet fit-triq tal-barrani u Bir id-Deheb. Is-sitwazzjoni ssir agħar meta Triq il-Gudja tkun magħluqa fil-ħinijiet tal-iskola, għax f'dal-każ il-vetturi li ġejjin minn fejn il-kappella m'hemmx fejn imorru ħlief li jdawwru lura.

iii) Bil-proposta ssuġġerita t-traffiku ser ikun qed jiġi iddirezzjonat f'salib it-toroq bejn Triq Dun Guzepp Demicoli u Triq San Filippu, fejn il-maġġor parti tal-aċċidenti statistikament isiru f'dik iż-żona.

iv) B'din il-proposta, l-unika mezz biex tidħol lejn il-Pjazza tar-raħal hija biss jekk tkun ġej minn Tal-Barrani jew tidħol mill-Bypass minn Vjal il-Labour biss li hemmhekk diġa' ikun hemm ħafna konġestjoni.

Is-Sindku xtaq jiġbed l-attenzjoni tat-TM fuq ħafna talbiet oħra pendenti li l-Kunsill qatt ma ingħata risposta dwarhom filwaqt li fuq din il-kwistjoni ilna xhur niddiskutu minkejja li l-Kunsill diġà ħa deċiżjoni ċara.

It-TM staqsiet ukoll dwar il-proġett ta' Santu Rokku fejn kien hemm propost li jiżdied il-parkeġġ. Il-Kunsill qal li l-pjanti kellhom jinbidlu fl-2020 fuq parir tal-Planning Authority stess biex jiġu salvagwardjati s-siġar li huma protetti.

Il-Kunsill dejjem qal li jemmen li l-aħjar soluzzjoni hija li jitneħħa l-parking però s'issa ma jħossx li hemm dan il-bżonn li jsir dan.

Il-Kunsill isostni li b'din id-deċiżjoni li jitneħħew il-parkings, il-flow tat-traffiku saret ħafna aħjar milli kienet. Kull ma fadal huwa post wieħed biss li għadu mux aċċessibbli minn żewġ karozzi.

Bit-tneħħija tal-parking spaces il-Kunsill ma bidel l-ebda *alignment* tat-triq u dan kien minn dejjem hemm. Din il-pressjoni qed issir minħabba li hemm xi nies li għandhom interessi personali fejn anki qed jiġu mhedda il-Kunsilliera stess dwar din id-deċiżjoni li ttieħdet fl-interess tar-residenti kollha tagħna.

Is-Sindku Darren Abela qal li ma jaqbilx mal-proposti tat-TM, hu jaqbel biss mal-pjanta li kien iddisinja huwa, li meta tressqet fil-laqgħa tal-Kunsill il-kumplament tal-Kunsill ma qabilx magħha.

Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li ma taqbilx mal-proposti kollha li pproponew it-TM u fl-opinjoni tagħha it-triq għandha tibqa kif inhi.

Il-Kunsilliera Rose Agius ukoll qalet li ma taqbilx mal-proposti kollha li pproponew it-TM u taqbel li it-triq għandha tibqa kif inhi.

Il-Kunsillier Keith Fenech sostna ukoll li ma jaqbilx u fl-opinjoni tiegħu fiċ-ċirkustanzi m' hemmx bżonn li jitneħħa l-parking għax joħloq inkonvenjenza ir-residenti tat-triq.

Il-Kunsillier Anthony Vella qal li bil-proposta tat-TM se jinħoloq iktar problemi u għaldaqstant ma jaqbilx.

Il-Kunsill innota ukoll li TM qed isostni li taqbel li t-triq issir *one way.* Iżda l-Kunsill dejjem kien l-awtorita' awtonoma li tieħu d-deċiżjonijiet finali f'isem il-maġġoranza tar-residenti u għaldaqstant din id-deċiżjoni ttieħdet b'responsabbilita' biex tiffaċilita' l-aċċess lill-ħafna sewwieqa residenti li jużaw din it-triq regolari.

69.6.4 Is-Sindku Darren Abela fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ppropona li l-Kunsill jagħmel talba għal ħaddiem ġdid sabiex jiġi assenjat mal-Kunsill u jkun qed jieħu ħsieb iż-żebgħa. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

69.6.5 Tressqet korrispondenza rigward skart li tħalla fuq il-bankina wara li tqattgħu xi boroż fi Triq il-kuncizzjoni. Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra lir-residenti tat-triq kollha sabiex iħallu l-boroż tagħhom wara l-bieb u jintbagħtu l-gwardjani.

69.6.6 Tressqet korrispondenza mingħand resident li joqgħod fi Triq Wenzu Dalli fejn talab li jpoġġi bollard mal-kantuniera tal-garaxx tiegħu minħabba li l-vetturi qegħdin jipparkjaw f'inqas minn metru mill-kantuniera u ma jħallux aċċess komdu mill-garaxx. Il-Kunsill ma qabilx li jsir dan minħabba li jkun qed joħloq preċedent għal kull min għandu l-istess problema.

69.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li se ssir laqgħa nhar il-Ġimgħa li ġej ma Schembri Barbros dwar il-proġett tal-Barrani.

69.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand resident sabiex jitneħħa parking minn Triq il-Gudja minħabba li meta tgħaddi tal-linja qed tkun diffiċli meta jkun hemm karozza pparkjata u tinħoloq konġestjoni. Il-Kunsill qabel li jitneħħa kaxxa tal-parkeġġ u minflok isiru żewġ M.C. parkings.

69.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand residenta anzjana li minħabba li ma tistax toħroġ il-borża kmieni qed titlob biex jitwaħħal ganċ li tkun tista' toħroġ il-borża minn qabel. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni sab

69.5.10 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex jitwaħħlu ganċijiet fuq pole fi Triq San Gorg biex ma jibqgħux jitqattgħu il-boroż fit-triq. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru minħabba li dejjem isostni li l-boroż għandhom jitħallew biss quddiem il-bibien. F'dan ir-rigward ma jsib ebda oġġezzjoni li l-ganċijiet jitwaħħlu mal-faċċata ta' kull residenza jew jinħareġ f'kontenitur, sakemm jinżamm dejjem quddiem il-bieb.

69.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Appell rigward l-applikazzjoni tal-fabbrika tan-Nar ġie sottomess flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Gudja kif kien ġie diskuss f'laqgħa mal-avukata li fiha kien hemm preżenti is-Sindku Darren Abela, il-Kunsilliera Rose Agius u l-Kunsillier Keith Fenech flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv . Il-Kunsill qabel ukoll li jkopri l-ispejjeż tal-appell l-ieħor li qed jiġi sottomess mill-każini kif ukoll l-ispejjeż tal-avukat għall-ittra tal-appell.

**69.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

69.7.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jerġa' jsir xi patching fejn hemm bżonn sa massimu ta' Eur5000. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni sabiex tintbagħat lista tax-xogħlijiet li jkunu saru flimkien mar-ritratt. Dwar dan il-Kunsill qabel u approva.

69.7.2 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed imexxi billi jġib l-istima sabiex issir trinka sabiex jitranġaw il-ħsarat li hemm fi Triq Ħas-Saptan fejn qed iżomm l-ilma.

69.7.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jsiru tabelli ta' *Speed Limit* fi Triq tal-Millieri u fis-*service road*. Il-Kunsill qabel.

69.7.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li fil-parking spaces li hemm fi Triq San Bastjan isiru stoppers biex il-vetturi ma jagħlqux l-aċċess ta' fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel.

69.7.5 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm żona fuq il-bankina fejn il-ħanut tal-Maypole, viċin il-Bus Shelter fejn hemm il-bankina baxxa u ħafna drabi l-karozzi qed jgħaddu minn fuqha u propona li ssir bollard. Il-Kunsill ma qabilx.

69.7.6 Is-Sindku Darren Abela ġibed l-attenzjoni dwar it-tbattil tal-iSkips ta' Triq iċ-Ċimiterju fejn qed ikollna diversi ilmenti li mhumiex jitbattlu darba fil-ġimgħa kif kien miftiehem. Il-Kunsill qabel li jibgħat formalment lill-kuntrattur u jinforma lir-Reġjun.

69.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm l-applikazzjoni mal-PA sabiex jittellgħu żewġ sulari oħra fil-Home tal-Anzjani. Is-Sindku propona li niktbulhom bħala Kunsill sabiex isir pjan sostenibbli għal parking.

69.7.8 IS-Sindku Darren Abela informa li għall-attivita' tar-Reġjun ta' nhar il-Ġimgħa se jkun hemm *shuttle service* minn fejn il-Knisja ta' San Bastjan, Ħal Qormi.

69.7.9 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li Triq Angelo Attard ma ġietx approvata mill-Bord tat-Tismija tat-Toroq.

69.7.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jerġgħu jiġu riveduti l-Pjanti tal-proġett ta' Santu Rokku sabiex ma jitneħħewx is-siġar eżistenti li hemm. Il-Kunsill approva.

69.7.11 Is-Sindku Darren Abela qal li qed jerġa' jkun hemm ħafna parkeġġ illegali madwar iz-zuntier fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel li jibgħat lill-gwardjani.

69.7.12 Is-Sindku Darren Abela qal li qed ikollu xi ilmenti mir-residenti fejn ma jkunux infurmati meta jkun hemm xi attivitajiet fil-Pjazza u li tkun se tingħalaq it-triq. Il—Kunsill qabel li se jitlob lil kull min japplika għal permess biex jinforma lir-residenti.

69.7.13 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu talba minn xi resident sabiex il-kunċerti li jsiru matul is-sena jingħataw il-permess sal-11pm biss. Il-Kunsill jista' jitlob dan lill-pulizija meta jsiru attivitajiet li mhux relatati maż-żmien tal-festa. Fi żmien tal-festa il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jdumu ftit iktar fil-festa biss.

69.7.14 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm meeting mill-PA rigward proposta għal bankina fi Triq il-Hatem. Il-Kunsill qabel li jitlob iktar informazzjoni jew nibagħtu l-Perit tagħhom. Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li se tipprova tattendi l-meeting online u talbet biex tintbagħat il-link. Il-Kunsilliera Rose Agius ġibdet l-attenzjoni li hemmhekk kien sar sprall kbir biex l-ilma jkollu fejn imur. Importanti li dan l-isprall jitħalla hemm.

69.7.15 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-problema tal-iskart quddiem il-Kappella ta' Santu Kristu fejn qal li hemmhekk hemm ir-residenti li jħallu l-boroż kuljum biex jinġabru skond l-iskeda. Il-Kunsill qabel li meta ssir il-camera jinforma lill-LESA sabiex ma jiġux imħarrka residenti li joħorġu l-boroż skond il-ġurnata bejn is-6am u d-9am biss.

**69.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

69.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli ssuġeriet biex it-tabelli tal-ħinijiet li hemm quddiem l-iskola jinbidlu ftit u jiġu jgħoddu biss waqt il-ħinijiet tal-iskola. Il-Kunsill qabel.

69.8.2 Il-Kunsillier Anthony Vella staqsa meta se ssir r-rampa ta' quddiem l-ispiżerija ta' St Philip's. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-CRPD kellhom jibgħatu lil xi ħadd fuq il-post sabiex nieħdu parir kif l-aħjar issir.

69.8.3 Il-Kunsillier Anthony Vella ppropona ukoll li ssir rampa quddiem il-bieb tal-iskola. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tas-surmast.

**69.9 Mozzjonijiet**

69.9.1 Annessi mal-Minuti

**69.10 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

69.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar It-Tlieta, 19 ta' Diċembru 2023 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

________________________ ________________________

Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 69**

**Mozzjoni Ref:** 69-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 68

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 29 ta' Novembru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 69**

**Mozzjoni Ref:** 69-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 69-08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 29 ta' Novembru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 69**

**Mozzjoni Ref:** 69-03

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena 2023

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 29 ta' Novembru 2023

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**